**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 5 ta' Marzu 2017
L-I Ħadd tar-Randan
Sena A

**Introduzzjoni**
Permezz tal-liturġija ta' dan l-Ewwel Ħadd tar-Randan, ser inkomplu mexjin fuq dak li bdejna flimkien nhar l-Erbgħa li għaddiet, fejn tajna bidu għal dan iż-żmien hekk qawwi u qaddis. Ir-Randan huwa żmien fejn in-nisrani jfittex li jerġa' lura u jindem min-nuqqasijiet tiegħu quddiem il-wiċċ ħanin ta' Alla.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 2, 7-9; 3, 1-7)
Il-bniedem tal-bidu kien f'relazzjoni tajba ma' Alla sakemm ċeda quddiem it-tiġrib tax-xitan.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 50)
Ħenn għalina Mulej, għaliex dnibna.

**It-Tieni Qari** (Rum 5, 12-19)
San Pawl jitkellem bi kliem ta' kuraġġ u jgħid li kulħadd jista' jirċievi l-grazzja t'Alla, ankè min hu midneb.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 4,1-11)
Quddiem it-tentazzjonijiet tax-xitan, Ġesù ma ċediex, anzi għeleb dan it-tiġrib bil-kliem profond tiegħu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**
Dan iż-żmien tar-Randan joffri ċans biex in-nisrani joqrob tassew lejn Alla permezz tal-għemejjel tajba li jwettaq, b'mod speċjali t-talb u l-karità.
Ejjew mela nressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**
*"Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla."*
Dan il-kliem jilħaq il-milja tiegħu propju f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.